MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 424/2002/2

**Rik Nru: 424/02 JA.**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru: 559/02.**

**Dr. Carmelo Vella, Philip, Michael u Jessie xebba, ahwa Vella.**

**-vs-**

**Leonard Muscat u Leonard Calleja bhala President u Segretarju rispettivament tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-11 ta' April, 2002 mill-konvenuti nomine, li permezz tieghu esponew bir-rispett:

1. Illi l-hrug tal-mandat odjern huma wiehed irritu u null stante illi dan inhareg a bazi ta’ sentenza tal-Qorti ta’ l-Apopell datat 30 ta’ Dicembru, 1993. In oltre, s-sentenza dwar ir-ritrattazjoni inghatat fit-13 ta’ Marzu, 1995, fejn il-Qorti tal-Appell ma laqghetx it-talba tal-esponent ghas-smigh mill-gid tal-kawza in kwistjoni.
L-esponenti jirrilevaw illi nonostante illi huma sussegwentement ippresentaw rikors kostituzzjonali dan m’ hemmx dubbju illi ma’ jwaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza u ghalhekk illum il-gurnata sabiex jinhareg il-mandat odjern kellha se mai tigi resa esegwibbli s-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 30 ta’ Dicembru, 1993 ai termini ta’ dak li jipprovdi l-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar dan.

L-esponenti jsostnu illi l-irritwalita’ tal-hrug tal-mandat odjern stante illi dan ma seta’ qatt inhareg qabel ma tigi resa esegwibbli s-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi ordnat l-izgombrament.

2. Illi in oltre, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jinformaw lil dina l-Onorabbli Qorti illi huma inizzjaw proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Applikazzjoni Numru PP2050) dwar il-mertu kostituzzjonali illi gie deciz fil-Qrati Kostituzzjonali hawn Malta.

In vista ta’ dan, l-esponenti jhossu illi f’ kaz illi l-Qorti tilqa’ t-talba illi jigi esegwit l-imsemmi mandat l-esponenti se jsofru pregudizzju fil-kawza intavolata minnhom quddiem il-Qorti Ewropeja ghaliex jekk din ikollha ezitu favorevoli ghalihom dan ma jkun ifisser xejn galadarba huma jkunu gia’ gew zgombrati mill-fond in kwistjoni.

Ghalhekk l-esponenti jhossu illi dawn huma ragunijiet bizzejjed fil-ligi halli l-imsemmi mandat jigi rrevokat fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella l-mandat ta’ zgombrament bin-numru 559/02 ai termini tal-Artikolu 283 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana

taht dawk il-provvedimenti li hi jidhrilha li huma xierqa w opportuni.

Rat ir-risposta pprezentata fit-18 t' April, 2002 mill-attur, li permezz taghha esponew bir-rispett:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti odjerni (Leonard Muscat u Leonard Calleja bhala President u Segretarju rispettivament tal-Kazin tal-Banda ta' Hal-Kirkop) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Illi jekk xi hadd sofra xi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, dawn huma l-ahwa Vella li gew imcahhda mid-dritt li jgawdu l-propjeta' taghhom u ghadhom qieghdin jigu mcahhda ingustament minn tali tgawdija, u dan kif ser jintwera tul is-smigh tar-rikors;

Illi fi kwalsiasi kaz, bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti Dr. Carmelo Vella, Philip, Michael u Jessie xebba, ahwa Vella qieghdin javalixxu ruhhom minn dawn il-proceduri biex jekk jirrizulta li hemm il-htiega li terga tigi reza s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Dicembru, 1993 fl-ismijiet Dr. Carmelo Vella, Philip, Michael u Jessie xebba, ahwa Vella vs Leonard Muscat u Leonard Calleja bhala President u Segretarju rispettivament tal-Kazin tal-Banda ta' Hal-Kirkop", l-esponenti qieghdin jikkonfermaw bil-gurament taghhom li ghadha ma saritx l-esekuzzjoni u li l-ezekuzzjoni tikkonsisti f' l-izgumbrament tal-fond 18, St. John's Alley, Hal-Kirkop, da parti tal-Kazin tal-Banda San Leonardu ta' Hal-Kirkop u filfatt gie pprezentat dan il-mandat u ohrajn, u ghaldaqstant jitolbu li din l-Onorabbli toghobha tirrendi ezekuttiva mill-gdid l-imsemmija sentenza.

Din it-talba qieghda ssir quddiem din l-Onorabbli Qorti billi l-Qorti tal-Appell kienet irriformat is-sentenza tal-Prim' Awla.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Dicembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jitolbu thassir tal-Mandat ta’ zgumbrament Nru: 559/02 skond l-Artikolu 283 A tal-Kap.12. Dan inhareg fuq talba ta’ Dottor Vella et wara sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-1995.

Ir-rikorrenti qed jaghmlu dan a bazi ta’ zewg kawzali; wahda li l-istess sentenza ma’ gietx resha esegwibbli (presumibilment ghaliex ghaddew iktar minn hames snin minn meta l-kawza giet deciza) u l-ohra ghaliex huma inizjaw proceduri quddiem il-Qorti Ewropea.

Ir-rikorrenti ma gabu ebda raguni sufficjaentement valida mill-punto di vista legali ghal din it-tieni kawzali izda raguni purament prattika. Ghalhekk fuq din il-bazi t-talba taghhom qed tigi respinta ghaliex ma hemm xejn x’ jindika li meta tigi adeperata l-procedura imsemmija, il-Qrati taghna ghandhom jissospendu l-proceduri esekuttivi wara li jghaddu in gudikat sentenzi tal-istess Qrati taghna. Il-Qorti Ewropea imbaghad xorta tkun tista’ taghti r-rimedji taghha skond l-istess parametri taghha.

Kwantu ghall-kawzali l-ohra pero’ jidher car li l-intimati ma’ talbux li tigi resha esegwibbli s-sentenza imsemmija izda wara li kellhom proceduri esekuttivi inizjalati fl-1996 li gew sospizi, regghu ghamlu mandat (dak odjern) wara li gew konkluzi ukoll favur taghhom il-proceduri kostituzzjonali illi intavolaw ir-rikorrenti.

L-Artikolu 258 tal-Kap.12 jaghmilha cara li meta jghaddu iktar

minn hames snin li s-sentenza tkun ghaddiet in gudikat il-kreditur irid jitlob li s-sentenza tigi resha esegwibbli permezz ta’ rikors.  L-intimati dan indunaw bih meta saru dawn il-proceduri ghaliex ittentaw jaghmlu din it-talba permezz tar-risposta taghhom.  Dan pero’ ma’ jistax isir hlief permezz ta’ rikors.

Din il-Qorti tissimpatizza mal-intimati li kull darba qed jigu intralcjati fit-talba taghhom li jesegwixxu s-sentenza izda ma’ tistax tissana dak illi mhux sanabbli;  bla pregudizzju affattu ghall-prosegwiment da parti taghhom tal-proceduri illi bdew fl-1996 illi jidher li ghadhom sospizi.  Il-Qorti ghalhekk ma’ tistax ma thassarx il-mandat soggett ta’ dan ir-rikors.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-intimati u thassar, tirrevoka u tikkancella l-mandat ta’ zgumbrament Numru 559/02 skond l-Artiklu 283 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;  in vista pero’ ta’ dak li ta lok ghall-dawn il-proceduri l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------